MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 644/2007

**Carmen Debono ID 224566 (M)**

**vs**

**Elizabeth Sant**

**It-Tribunal,**

**Ra** li din hi kawza ta' danni b'konsegwenza ta' tilwima bejn zewg nisa ahwa, il-kontendenti li maghha gabet ukoll kontro-talba. L-incident gara fid-9 ta' April 2008 xi l-10am

**Ra** l-AVVIZ fejn l-attrici tghid li waqt il-glieda l-konvenuta qabditilha mal-gizirana u l-imsielet u gibdithom. Meta telqet minn fuq il-post ma haditx l-affarijiet tad-deheb maghha u meta l-konvenuta giet mitluba tirritornahomlha, baqghet inadempjenti. Ghalhekk l-attrici qed titlob li tithallas l-valur ta' dawn l-oggetti li hu ta' cirka LM350 jew somma ohra li jistabbilixxi dan it-Tribunal. Bl-ispejjes kontra l-konvenuta, ingunta ghas-subizzjoni.

**Ra** r-RISPOSTA hekk:

Il-fatti esposti mill-attrici huma inveritieri u t-talba hi nfondata.

Fl-ewwel lok: mhux minnu li kellhom xi jghidu u gew fl-idejn. Kienet l-attrici li marret fid-dar tal-konvenuta biex taghtiha xebgha u refghet idejha fuqha u l-konvenuta ddefendiet ruhha.

Fit-tieni lok: mhux minnu li l-attrici ma haditx maghha il-gizirana; din haditha lura maghha.

Fit-tielet lok: kienet l-attrici li ghamlet hsara fid-dar tal-konvenuta u ghalhekk qed issir kontro-talba

**Ra** l-KONTRO-TALBA konsistenti f'ammont mitlub ta' LM40.

**Ra** r-RISPOSTA ghall-KONTRO-TALBA fejn intqal li kienet il-konvenuta li mbuttat lill-attrici fuq il-bieb u ghalhekk l-attrici mhiex responsabbli ghad-danni fir-rigward.

**PROVI**

A1 **L-attrici** qalet li marret ghand ohtha u fethet il-bieb meta ohtha ma rrispondithiex – haga ghaliha normali. Riedet tkellimha dwar xi wirt billi rceviet xi karti minghandha li dwarhom ma kienetx taqbel. Kien sar xi haga meta hi kienet imsiefra.

2 Kompliet hekk:-

"Irrid nghid illi habta u sabta ohti kienet qabditni minn spallejja u dawritni bejn il-bieb u l-antiporta, cartittli d-deheb li kelli fuqi konsistenti f'gizirana tad-deheb bl-affarijiet maghha kif ukoll imsielet u fil-fatt qed nuri par imsielet lit-Tribunal li qeghdin jigu murija mix-xhud. Irrid nghid illi meta hrigt mid-dar taghha kelli biss wahda minn dawn l-imsielet f'widnejja, l-ohra giet konsenjata lura lili

mill-pulizija dakinhar stess ta' l-incident. Qed nuri wkoll lit-Tribunal pendent illi jien ilhaqt gbart mill-art li kienet tifforma parti mill-gizirana li giet imqaccta minn ghonqi mill-konvenuta. Mal-gizirana kelli wkoll wicc ta' Kristu, salib ta' Malta u salib Kurcifiss li jien bqajt ma sibtx. Kelli wkoll il-katina nnifisha. Irrid nghid illi fil-mument li kienet qabditni minn idejja infaqghet anke l-hgiega ta' l-antiporta li nkisret meta imbuttatni ohti fl-istess bieb ta' l-antiporta".

3 Esibiet, bhala Dok CD 1-2 ritratti tal-gizirana u msielet milbusa fuqha. Hadet stima minghand tad-deheb fl-ammont ta' LM400 izda ma xtaqx li jirrilaxxalha stima bil-miktub u dana billi ma rax il-katina mqatta.

4 Kien appena li fethet l-antiporta li ohtha marret bil-herra fuqha u sakkret il-bieb. Hi ma kienetx miggielda maghha u marret ghandha ghax l-aktar wahda li kellha fiducja fiha mill-ahwa. Ohtha qabditha mill-gizirana u sawwtitha biha u garatha u l-gizirana baqghet qatt ma ratha izjed. Dak il-hin kien hemm fid-dar ohthom Maria u zija materna Mary Parnis li izda ma ndahlux. Esibiet stima tal-hsara (fol 21)

5 In kontro-ezami qalet li meta dahlet ghand ohtha din qaltilha titlaq 'l barra u ghalqitilha l-bieb u "sabbtitni fil-kantuniera". Sa minn qabel l-incident hi kellha nofs idha fil-gibs u "it-tnejn erfajna jdejna fuq xulxin". Daret numru ta' hwienet biex tapprezza l-gizirana. Dawn ipprezzawhielha LM400 u LM700 f'xoghol.

B1 Il-**<u>konvenuta</u>** ressqet affidavit. Qalet li meta gara l-kaz hi kienet issajjar. Semghet l-antiporta tinfetah u dlonk li lemhet lill-attrici qaltilha "itlaq 'l barra". Kienet ilha mal-5 snin ma tidhol ghandha ghax ma kienux jitkellmu.

2 Il-konvenuta kompliet:-

"Minflok telqet il-barra, ohti Carmen b'subghajha lejja u b'rabja kbira, thokk snienha, u wara li ftaht il-grada tatni daqqa ta' sieq fuq ix-xellug. Jiena ppruvajt nilqa d-daqqiet u l-grief, u kien f'dan il-hin li ghajjarna lil xulxin. Kompliet tiggranfani. Qed nesebixxi r-ritratti li hadt wara li

Carmen Debono telqet il-barra biex nipprova dak li qed nixhed (Dok EZ 1, E22, E23, E24, E25). Carmen Debono kellha l-gibs f'idejha x-xellugija, u b'din l-id l-izjed li tatni".

"Carmen Debono kellha gizirana tal-metal (u mhiex choker) f'ghonqha b'xi affarijiet mdendlin maghha. Dak il-hin jiena ma tajtulhiex ghaliex hija ma riedetx ittini tieghi".

"Meta rajt hekk, u ddecidejt li naghmel dak li kelli naghmel, u ghalkemm cempilt lill-pulizija hija xorta ma telqetx ' barra. Bdejt tiela fuq biex niftah il-kelba l-ohra u sakemm tlajt fuq, ohti Carmen telqet 'l barra. Meta jiena ergajt nzilt isfel, ohti Maria qaltli li Carmen telqet 'l barra u li qabel ma Carmen telqet 'l barra, l-istess ohti Maria tatha l-gizirana u l-affarijiet li kien hemm maghha".

3 Il-Pulizija wara gew u hi rrakontathilhom x'gara. Wara kellmithom ukoll l-attrici.

C1 *A fol* 41 hemm affidavit ta' <u>PS 100 Terence Azzopardi</u> li fih hemm fil-qosor il-verzjoni li kull wahda mill-ahwa tat ta' dak li gara. Dawn huma simili ghax-xhieda u affidavit tal-kontendenti rispettivament – b'inqas dettal.

2 <u>PS Azzopardi</u> ingab jixhed ukoll u kkonferma l-kontenut tal-affidavit tieghu.

D1 **<u>Mary Parnis</u>**, iz-zija tal-kontendenti, b'affidavit qalet li meta l-attrici dahlet fid-dar tal-konvenuta din qaltilha "itlaq 'l barra" **"Carmen u Elizabeth bdew jaghtu ma xulxin, jargumentaw u jiggieldu".**

E1 **<u>Maria Sant,</u>** oht il-kontendenti kienet fid-dar tal-konvenuta meta ssuccieda l-incident. L-attrici kien ilha zmien ma tmur tara lil ohtha u meta din ratha, lill-attrici qaltilha "itlaq 'l barra". Rat lill-konvenuta tkecci 'l barra lill-attrici u din tghajjarha u tinsulentaha.

2 Fl-affidavit kompliet hekk:-

"Carmen Debono ma telqetx 'l barra u bdiet ixejjer b'idha wahda fil-gibs lill-Elizabeth u bl-ohra tiggranfalha wiccha. F'hin minnhom rajt lill-Carmen timbotta lil

Elizabeth u Elizabeth tipprova zzommha ghal fuq l-antiporta u jinkiser hgieg”.

“Meta Elizabeth rat li ma setghetx tlahhaq ma Carmen, qalet li sejra taghmel dak li ghandha taghmel, cioe tmur fuq u tiftah lill-klieb. Hawnhekk Carmen bdiet tirtira biex titlaq ‘l barra u Elizabeth qabel ma telghet it-tarag tefghet il-gizirana u l-pendent ta’ Carmen fuq is-senduq”.

“Qabel ma Carmen telqet ‘l barra, jiena irritornajt il-gizirana u l-pendent lill-Carmen. Nikkonferma li ohti Carmen hadet f’idejha l-gizirana u l-pendent li kienu f’ghonqha meta dahlet id-dar”.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

1. Jirrizulta li l-kontendenti, li huma ahwa, kienu mitlewma dwar xi wirt u kienu maqtugha minn xulxin u meta l-attrici tghid li marret tkellem lill-konvenuta ghax kien sar xi haga meta hi kienet imsiefra, wiehed irid iqis l-isfond. Meta hu hekk, l-attrici meta marret ghand ohtha (u mhux vice versa u anqas iltaqghu b’kumbinazzjoni jew xort’ohra post iehor) kellha ggib ruhha konformement mal-imgieba tal-konvenuta.

2. Jirrizulta **pruvat** li l-konvenuta qalet lil ohta “itlaq ‘l barra” dlonk li lemhitha jigifieri qabel ma resqu lejn xulxin. Minflok ghamlet hekk, l-attrici baqghet tavvanza u l-ahwa spiccaw f’xulxin.

3. Hi l-attrici li ghamlet il-kawza u jmiss lilha li tipprova li hi sofriet danni:
a) b’rizultat tal-aggressjoni tal-konvenuta u li
b) anqas ma kien il-kaz ta’ *volenti non fit injuria*
4. Fuq skorta tal-provi minnha migjuba ma jistax jinghad li l-attrici rnexxielha tipprova dak li minnha kien mistenni li jigi pruvat biex tirnexxi fil-pretensjoni taghha.

5. Targa Maria Sant, oht xebba tal-kontendenti qalet, **b’mod l-iktar inekwivoku** hekk:-

“Qabel ma Carmen telqet ‘l barra jien irritornajt il-gizirana u l-pendent lil Carmen. Nikkonferma li ohti Carmen hadet f’idejha l-gizirana u l-pendent li kienu m’ghonqha meta dahlet id-dar”

“Dwar l-imsielet dawn spicaw lura ghand l-attrici”.

6. Ghalhekk anqas hu l-kaz li wiehed jidhol dwar xi kwantifikazzjoni ta’ danni ghalkemm jista jinghad li l-attrici ma ressqet ebda prova rassikuranti fir-rigward.

7. Dwar il-kontro-talba tal-kovenuta jirrizulta li din inkisritilha xi hgiega. Fil-formola tal-kontro-talba hemm imnizzla cifra ta’ LM40 u waqfet hemm.

**DECIZJONI**

**It-Tribunal**

Wara li qies dan kollu **jiddeciedi** billi (1) jichad il-kontro-talba u (2) **jilqa** l-eccezzjoni ghall-kontro-talba; (3) **jichad** it-talba attrici wara li (4) **jilqa** l-eccezzjonijiet tal-konvenuta kontiha. In oltre, fir-rigward tal-ispejjes, kull parti tbati l-ispejjes taghha

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------